**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 11 ta` Frar 2016**

**Rikors Nru 189/14JZM**

**Wara l-mandat ta` sekwestru nru 3022/01 mahrug fid-29 ta` Ottubru 2001 fl-ismijiet**

**Paolo Bonnici Limited**

**vs**

**Wallace u Domenica konjugi Fino [Karta tal-Identita` numri 218168(M) u 421769(M)] rispettivament u Chris u Claudette Gauci [Karta tal-Identita` numri 19776(M) u 87175(M)] rispettivament**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ir-rikors li pprezentaw Domenica Fino u Claudette Gauci fl-14 ta` Frar 2014 fejn talbu lill-Qorti sabiex tordna l-hrug ta` kontromandat ghall-mandat ta` sekwestru fl-ismijiet premessi "*stante li fis-sentenza annessa bhala Dok A, il-*

*Qorti fil-mertu cahdet it-talbiet tas-socjeta` sekwestranti fil-konfront ta` l-esponenti (Dok B).*"

Rat id-dokumenti li kienu esebiti flimkien mar-rikors promotur.

Rat id-digriet li tat fis-17 ta` Frar 2014 fejn ordnat in-notifika tar-rikors lill-kontroparti b`erbat (4) ijiem zmien biex twiegeb bil-miktub.

Rat ir-risposta li pprezentat is-socjeta` sekwestranti fil-21 ta` Frar 2014 li taqra hekk :-

*Illi permezz tar-rikors taghhom tal-14 ta` Frar 2014, ir-rikorrenti Domenica Fino u Claudette Gauci qeghdin jitolbu l-hrug tal-opportun kontromandat fuq il-pretiza li "s-sentenza annessa bhala Dok A il-Qorti fil-mertu cahdet it-talbiet tas-socjeta` sekwestranti fil-konfront ta` l-esponenti Dok B" ;*

*Illi preliminarjament jigi rilevat illi tali talba hekk kif promossa u dedotta minn uhud mis-sekwestrati tista` titqies biss ghal dak li jirrigwarda l-applikabbilita` tal-mandat fuq citat fil-konfront tal-istess rikorrenti, u mhux ghal mandat in toto partikolarment fejn japplika fil-konfront tas-sekwestrati l-ohra ;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, u f` kull kaz, is-socjeta` esponenti toggezzjona ghal hrug tal-kontromandat mitlub stante li r-rikorrenti odjerni ma gewx mehlusa mill-effetti kollha tad-dejn li ghalih giet kanonizzata s-socjeta` esponenti fl-ammont ta` tmien mija u tmienja u disghin elf, mitejn u tnehn u sittin euro u wiehed u sebghin centezmu (€898,262.71) permezz tas-sentenza tat-30 ta` Ottubru 2008 moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta ;*

*Illi jirrizulta mid-dispozittiv tas-sentenza citata li l-Qorti halliet impregudikata l-enforzabilita` tal-kreditu li ghalih giet kanonizzata kreditrici s-socjeta` esponenti taht id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 1329 : hekk inghad fis-sentenza citata :*

> *"Ghal dawn ir-ragunijiet il-qorti taqta` l-kawza billi tichad it-talba tas-socjeta` attrici safejn maghmula kontra l-konvenuti Domenica Fino u Claudette Gauci, tilqaghha safejn maghmula kontra l-konvenuti Wallace Fino u Chris Gauci u tikkundanna lil dawn ta` l-ahhar flimkien in solidum ihallsu lill-attrici tmien mija u tmienja u disghin elf, mitejn u tnejn u sittin euro u wiehed u sebghin centezmu (E 898,262.71) flimkien ma` l-imghaxijiet mitluba fic-citazzjoni,* ***b` dan illi d-dejn ma jolqotx il-beni tal-komunjoni ta` l-akkwisti bejn il-konvenuti kundannati u***

***n-nisa taghhom, bla hsara ghal dak li jghid u jrid l-art 1329 tal-Kodici Civili."*** *(enfazi mizjud)*

*U dana wara li dik il-Qorti rriteniet illi :*

*"it-tielet eccezzjoni ghalhekk ghandha tintlaqa` fis-sens illi la l-beni parafernali ta` Domenica Fino u Claudette Gauci u,* ***bla hsara ghal dak li jghid u jrid l-art. 1329 tal-Kodici Civili,*** *lanqas il-komunjoni ta` l-akkwisti ma jintlaqtu bid-dejn."*

*Illi fl-istess sens kienet is-sentenza moghtija mill-Qorti ta` l-Appell fl-ismijiet "Domenica Fino v Paolo Bonnici et" deciza fl-1 ta` Gunju 2007 fejn il-Qorti "u tghid illi dik l-obbligazzjoni tiswa` biex torbot il-beni parafernali tal-konvenut Wallace Fino, bla hsara ghal dak li jghid u jrid l-art 1329 tal-Kodici Civili."*

*Illi l-artikolu 1329 (1) tal-Kap 16 jipprovdi li "bla hsara ghad-disposizzjonijiet li gejjin ta` dan l-artikolu, l-kredituri ta` parti fiz-zwieg ghal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iz-zwieg jew wara, jistghu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistghu jissodisfaw it-talba taghhom kontra l-beni parafernali ta` dik il-parti, jinforzaw it-talba taghhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ta` l-akkwisti izda sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti."*

*Illi kwindi in vista ta` dawn il-provvedimenti u d-decizjonijiet tal-Qrati, l-obbligu li r-rikorrenti odjerni jaghmlu tajjeb ghall-kreditu li baqa` mhux sodisfatt kontra l-beni ta` zwieghom, jibqa` fil-konfront taghhom bis-sahha ta` l-artikolu 1329(1), u in forza tal-artikolu 1329(2), ir-rikorrenti ma jistghux jopponu jew jitolbu r-revoka tal-mandat li jolqot il-beni ta` zwieghom u tal-komunjoni ta` l-akkwisti.*

*Tant ghandha umilment x` tissottometti s-socjeta` esponenti ghas-savju gudizzju ta` din l-Onorabbli Qorti."*

Rat id-digriet li tat fil-5 ta` Marzu 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-udjenza tat-18 ta` Marzu 2014.

Rat illi fl-udjenza tat-18 ta` Marzu 2014 id-difensur tar-rikorrenti *inter alia* ddikjara li bit-talba kif dedotta fir-rikors dak illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu huwa illi l-mandat de quo, li ghadu qatt ma gie revokat, ma jibqax fis-sehh u jigi revokat almenu in parte fil-konfront taghhom, in vista tas-sentenzi li ghalihom jaghmel riferenza ir-rikors promotur. Irrefera wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti

tal-appell fl-1 ta` Gunju 2007 fil-kawza "Domenica Fino vs Paolo Bonnici Limited" ghall-fini tal-Art 836(1)(a) tal-Kap 12.

Rat illi fl-istess udjenza, id-difensur ta` Paolo Bonnici Limited irrespingiet dan l-argument tal-parti l-ohra billi dan mhuwiex ir-raguni ghala ntalab il-hrug tal-kontromandat ; il-Qorti hija prekluza milli tibdel il-kawzali li abbazi taghha r-rikorrenti ppromwovew it-talba ghar-revoka tal-mandat.

Rat illi fl-istess udjenza d-difensur tar-rikorrenti nsista fuq il-validita` tal-istanza taghhom skont l-Art 836(1)(a) tal-Kap 12 u li ma kienx hemm disposizzjoni ohra li tkopri l-istanza taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet ir-rikors sabiex tipprovdi dwaru kameralment.

## II. <u>**Konsiderazzjonijiet**</u>

Bir-rikors in ezami, l-ezekutati Domenica Fino u Claudette Gauci talbu l-hrug ta` kontromandat sabiex ma jibqax fis-sehh il-mandat ta` sekwestru kawtelatorju bin-numru 3022/01 li kien inhareg b`talba tal-ezekutanti Paolo Bonnici Limited fid-29 ta` Ottubru 2001 in kawtela tal-ammont indikat fil-mandat rapprezentanti prezz ta` merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Fil-kors tal-udjenza tat-18 ta` Marzu 2014 l-ezekutati ccaraw il-posizzjoni taghhom fis-sens illi kienu qeghdin jitolbu r-revoka almenu parzjali tal-mandat fil-konfront taghhom minhabba s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-1 ta` Gunju 2007 fil-kawza "Domenica Fino vs Paolo Bonnici Limited".

L-ezekutati ddikjaraw illi t-talba taghhom ghall-hrug tal-kontromandat kienet qeghda ssir abbazi tal-<u>**Art 836(1)(a) tal-Kap 12**</u> li jghid :-

*(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista` jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista` jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox sew f`parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin :*

*(a)	li l-att kawtelatorju m`għadux iktar fis-seħħ ...”*

Sabiex tirribatti għall-kjarifika tal-ezekutati, is-socjeta` ezekutanti sostniet li dak rilevat mill-parti l-ohra kienet tammonta ghal bidla fil-kawzali, u l-Qorti kienet prekluza milli tkun hi li tibdel il-kawzali sabiex tqis it-talba tar-rikorrenti.

Dwar dan l-ahhar punt, il-fehma tas-socjeta` ezekutanti mhijiex kondiviza minn din il-Qorti.

Skont ir-rikors, il-persuni li qeghdin jitolbu l-hrug tal-kontromandat huma r-rikorrenti Domenica Fino u Claudette Gauci biss.  Ghalhekk talbu r-revoka parzjali tal-mandat de quo fil-konfront taghhom biss.

In kwantu jirrigwarda r-raguni li gabu sabiex isostnu t-talba ghar-revoka parzjali tal-mandat fil-konfront taghhom, ir-rikorrenti jghidu illi t-talbiet tas-socjeta` sekwestranti fil-konfront taghhom kienu michuda (Dok A u Dok B).

Bhala fatt is-sentenza moghtija fil-konfront ta` Domenica Fino ma kenitx ezebita mar-rikors promotur ghal kuntrarju tas-sentenza moghtija fil-konfront ta` Claudette Gauci (Dok A).  Madankollu, ladarba saret riferenza ghas-sentenza moghtija fir-rigward ta` Domenica Fino fil-kors tas-smigh tar-rikors, il-Qorti kellha l-opportunita` tezamina s-sentenza li nghatat fl-istess jum li nghatat is-sentenza Dok A.  F`dik is-sentenza, il-Qorti waslet ghall-istess konkluzjonijiet tas-sentenza Dok A.

Din il-Qorti mhijiex tara illi bil-fatt li saret referenza ghas-sentenza li tirrigwarda lil Domenica Fino, hija kienet sejra tmur oltre s-setghat taghha fis-sens illi effettivament tkun qeghda taghti lok ghal bidla fil-kawzali.  Dan qed jinghad aktar u aktar meta fl-istess rikors ghall-hrug tal-kontromandat saret referenza ghas-sentenza l-ohra Dok B liema sentenza kienet tirrigwarda kemm lil Domenica Fino u kif ukoll lil Claudette Gauci. Jidher li l-kawzali huma li skont ir-rikorrenti l-mandat kellu jigi revokat fil-konfront taghhom it-tnejn in vista tal-fatt illi li l-Qrati kompetenti cahdu t-talbiet tas-socjeta` ezekutanti fil-konfront taghhom it-tnejn.

Ghalhekk il-pregudizzjali legali li gabet is-socjeta` ntimata waqt l-udjenza tat-18 ta` Marzu 2014 qeghda tkun respinta.

Il-Qorti sejra tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu.

Fir-risposta taghha, Paolo Bonnici Limited tissottometti li skont is-sentenzi Dok A u Dok B (din il-Qorti zzid – *kif ukoll* skont is-sentenza li ghaliha rrefera d-difensur tar-rikorrenti waqt it-trattazzjoni tar-rikors) Wallace Fino u Chris Gauci kienu kkundannati jhallsu *in solidum* bejniethom lil Paolo Bonnici Limited is-somma ta` €898,262.71, flimkien ma` l-imghaxijiet hekk kif mitluba fic-citazzjoni, b`dana illi d-dejn ma kellux il-beni tal-komunjoni ta` l-akkwisti bejn il-konvenuti kkundannati u n-nisa taghhom u cioe` r-rikorrenti tal-lum, **<u>bla hsara</u>** ghal dak li jrid l-Art 1329 tal-Kap 16.

**<u>L-Art 1329 tal-Kap 16</u>** ighid :-

*(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet li ġejjin ta` dan l-artikolu, l-kredituri ta` parti fiż-żwieġ għal djun li ma tbatihomx il-komunjoni tal-akkwisti, sew jekk id-dejn ikun sar qabel iż-żwieġ jew wara, jistgħu, meta dawk il-kredituri ma jkunux jistgħu jissodisfaw it-talba tagħhom kontra l-beni parafernali ta` dik il-parti, jinforzaw it-talba tagħhom in subsidium kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti iżda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti.*

*(2) Bla ħsara għall-jedd tal-parti miżżewġa lid-debitur li jitlob separazzjoni ġudizzjarja tal-beni, il-parti miżżewġa lid-debitur ma jkollhiex jedd topponi għal att li jinforza kreditu kontra xi beni tad-debitur jew tal-komunjoni tal-akkwisti ħlief meta l-beni li fuqhom tkun qed issir l-esekuzzjoni jkunu beni parafernali ta` dik il-parti miżżewġa lid-debitur."*

Din il-Qorti taghraf l-import ta` din id-disposizzjoni u l-limitazzjoni tal-esekuzzjoni fuq il-proprjeta` tal-komunjoni tal-akkwisti, li *in pessima ipotesi* tista` ssir sa nofs is-sehem tad-debitur fil-komunjoni tal-akkwisti, wara li jigu ezawriti l-beni parafernali tad-debitur mizzewweg.

Fil-kaz tal-lum, ma ngabet l-ebda prova illi l-kredituri ta` l-irgiel rispettivi tar-rikorrenti issodisfaw il-krediti taghhom hekk kif kawtelati bil-mandat ta` sekwestru in kwistjoni mill-beni parafernali ta` l-irgiel tar-rikorrenti.

Inoltre ma ngabet l-ebda prova li ntalbet is-separazzjoni gudizzjarja tal-beni tar-rikorrenti minn dawk l-irgiel taghhom.

Il-konsegwenza ta` dan kollu hija li ladarba jista` jaghti l-kaz li kredituri tal-irgiel rispettivi tar-rikorrenti jenforzaw id-drittijiet taghhom fuq in-nofs li jappartjeni lill-irgiel tar-rikorrenti fil-komunjoni ta` l-akkwisti taghhom mar-

rikorrenti nisa taghhom, din il-Qorti ma tistax tilqa` t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors u mfissra waqt it-trattazzjoni tal-istess rikors.

**<u>Provvediment</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda tichad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir-rikors taghhom tal-14 ta` Frar 2014, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti. Tordna lir-rikorrenti sabiex ihallsu l-ispejjez kollha ta` dan il-provvediment.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**